MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2002

Numru 746/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maria Stella Cutajar)**
**vs**
**Carmelo Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra Carmelo Ellul ta’ 37 sena, bin Joseph u Maria nee’ Galea imwieled Imqabba fid-19 ta’ Awissu 1950 u residenti 90, Parish Street, Mqabba detentur ta’ karta ta’ identita numru 448663(m) akkuzat talli:

Fit-12 ta’ Mejju. 1999 u fiz-zminijiet ta’ qabel din id-data b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jikksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda bhala direttur tal-fabbrika maghrufa PPB Malta Ltd., li tinsab gewwa Hal Far Industrial Estate,

Hal Far jew bhala persuna li kellha f'idejha l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa kkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi post liema serq jammonta ghal anqas minn Lm1000 maltin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema seq kien kwalifikat bil-mezz, ammont u hin;

Semghet il-provi.

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni f'liema ammissjoni l-imputat ippersista anka waqt li nghata zmien sabiex jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, rat l-artikoli 261(B)(c)(f), 264, 267, 270, 279, 280, 326, 17, 31, 533 tal-Kap 9, ikkunsidrat l-fatturi kollha, tiddeciedi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Art. 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' 3 xhur millum. Tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina tal-esperti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------